31985R3143

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3143/85
tal-11 ta' Novembru 1985
dwar il-bejgħ bi prezzijiet imnaqqsa ta' butir ta' intervent maħsub għall-konsum dirett fil-għamla ta' butir konċentrat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [1] kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1298/85 [2], u partikolarment l-Artikoli 6(7) u 28 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 985/68 tal-15 ta' Lulju 1968, li jippreskrivi regoli ġenerali għall-intervent fis-suq tal-butir u l-krema [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3521/83 [4], u partikolarment l-Artikolu 7(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru No 974/71 tat-12 ta' Mejju 1971 dwar ċerti miżuri ta' politika konġunturali li jridu jittieħdu fil-biedja wara t-twessiegħ temporanju tal-marġini taċ-ċaqliq tal-muniti kurrenti ta' ċerti Stati Membri [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2055/85 [6], u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1079/77 tas-17 ta' Mejju 1977 dwar imposta ta' ko-responsabbiltà sabiex jitwessa' s-suq fil-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [7], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1302/85 [8], u partikolarment l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi s-sitwazzjoni fis-suq tal-butir fil-Komunità hija karatterizzata mill-eżistenza ta' ħażniet kbar li rriżultaw minħabba l-intervent fis-suq tal-butir skond l-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68;

Billi l-kwantità kollha tal-butir li tikkostitwixxi dawn il-ħażniet ma tistax tiġi wżata skond il-kundizzjonijiet normali matul is-sena tal-*marketing*; billi, minħabba l-ispejjeż li jġorru, għandu jiġi evitat li jitwalu l-ħażniet; billi għalhekk għandhom jittieħdu miżuri li jinkoraġġixxu l-użu tal-butir;

Billi l-konsum ta' dan il-prodott jista' jiżdied permezz ta' bejgħ bi prezzijiet imnaqqsa fl-għamla ta' butir konċentrat; billi sa mill-1972 ġew adottati miżuri varji li fihom dispożizzjonijiet b'dan il-għan;

Billi s-sitwazzjoni fis-suq tal-butir tagħti lok għat-tkomplija u t-twessigħ ta' dawn il-miżuri; billi, minħabba d-daqs tal-ħażniet pubbliċi, għandha tingħata prijorità biex għall-użu ta' dan ta' l-aħħar;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 649/78 [9], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1741/84 [10], daħħal sistema ta' bejgħ bi prezzijiet imnaqqsa għall-butir ta' intervent maħsuba għall-konsum dirett fil-għamla ta' butir konċentrat; billi, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom isiru emendi numeruži lil dan ta' l-aħħar; billi, fl-interess tal-kjarezza, r-Regolament imsemmi għandu jiġi mħassar u mibdul b'test ġdid;

Billi t-tnaqqis fil-prezz tal-butir għandu jkun tali li jirriżulta f'żieda fil-konsum tiegħu f'għamla ta' butir konċentrat u billi, għal din ir-raġuni, l-effett tat-tnaqqis għandu jinħass kollu kemm hu fil-livell tal-konsum dirett;

Billi għandhom jittieħdu miżuri sabiex tiġi żgurata d-differenzazzjoni f'kull stadju tal-*marketing* bejn il-butir dispost skond it-termini ta' dan ir-Regolament u tipi oħra ta' butir; billi, għal dan l-effett, għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kompożizzjoni u d-deskrizzjoni tal-butir konċentrat; billi, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi ffissat limitu taż-żmien għall-ipproċessar ta' dan il-butir f'butir konċentrat u għall-ippakkjar tiegħu;

Billi, barra minn hekk, għandha tiġi preskritta rata għolja biżżejjed ta' kontenut ta' xaħam tal-butir;

Billi għandha tiġi applikata sorveljanza sabiex jiġi żgurat illi l-butir ma jintużax għal għanijiet oħra milli dawk stipulati; billi dan ir-Regolament għandu jiġi inkluż ma' l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1687/76 tat-30 ta' Ġunju 1976 li jippreskrivi regoli komuni dettaljati sabiex jiġu verifikati l-użu u/jew id-destinazzjoni tal-prodotti mill-intervent [11], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2602/85 [12]; billi għandhom ukoll jiġu preskritti kundizzjonijiet addizzjonali ta' sorveljanza minħabba l-karatteristika speċifika ta' l-operat, partikolarment rigward il-proċessar tal-butir u rigward iż-żamma ta' reġistri tal-ħażna mill-partijiet interessati; billi, madankollu, il-miżuri ta' sorveljanza għandhom isiru fl-istadju li jiġi immedjatament qabel jgħaddi f'idejn is-settur tal-bejgħ bl-imnut;

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 137, tas-27.5.1985, p. 5.
[3] ĠU L 169, tat-18.7.1968, p. 1.
[4] ĠU L 352, tal-15.12.1983, p. 4.
[5] ĠU L 106, tat-12.5.1971, p. 1.
[6] ĠU L 193, tal-25.7.1985, p. 33.
[7] ĠU L 131, tas-26.5.1977, p. 6.
[8] ĠU L 137, tas-27.5.1985, p. 9.
[9] ĠU L 86, ta' l-1.4.1978, p. 33.
[10] ĠU L 164, tat-22.6.1984, p. 20.
[11] ĠU L 190, ta' l-14.7.1976, p. 1.
[12] ĠU L 248, tas-17.9.1985, p. 12.

Billi, partikolarment, il-butir mixtri skond dan ir-Regolament m'għandhux jiġi dirottat għall-użi provduti mir-Regolament tal-Kummssjoni (KEE) Nru 262/79 tat-12 ta' Frar 1979 dwar il-bejgħ tal-butir bi prezzijiet imnaqqsa għall-proċessar fi prodotti tal-ħelu, f'ġelati u oġġetti oħra ta' l-ikel [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3021/85 [2], u bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1932/81 tat-13 ta' Lulju 1981 dwar il-konċessjoni ta' għajnuna lill-butir jew lill-butir konċentrat għall-fabbrikazzjoni tal-prodotti tal-ħelu, ġelati u oġġetti oħra ta' l-ikel [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 453/85 [4];

Billi l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni fatti u *data* dwar x'jiġri mill-butir skond dan ir-Regolament;

Billi għandu jittieħed akkont tal-valur tal-butir jew il-butir konċentrat rigward l-ammonti finanzjarji kompensatorji fissati bis-saħħa tar-Regolament (KEE) Nru 974/71; billi, għal dan l-effett, għandhom isiru dispożizzjonijiet sabiex jiġi applikat koeffiċjent għall-ammonti msemmija li jiġi applikat għall-butir u għall-butir konċentrat kif korrentement dikjarat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 343/85 ta' l-24 ta' Mejju 1985 li jiffissa l-ammonti finanzjarji kompensatorji u ċerti koeffiċjenti u rati meħtieġa għall-applikazzjoni tagħhom [5];

Billi, rigward il-finanzjament, in-nefqa li tinħoloq minn dan l-operat addizzjonali ta' użu għandha tiġi kunsidrata bħala li tirriżulta minn waħda mill-miżuri riferiti fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1079/77;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT,

L-Artikolu 1

1. Il-butir mixtri bi qbil ma' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68 li ġie mdaħħal fil-ħażna qabel data li għad trid tiġi stabbilita għandu jinħareġ għall-bejgħ bi prezz imnaqqas bil-għan ta' konsum dirett fil-Komunità fil-għamla ta' butir konċentrat.

Il-konsum dirett, fit-tifsira ta' dan ir-Regolament, għandu jfisser ix-xiri mill-konsumaturi bil-għan ta' l-utilizzazzjoni finali, inkluż dak magħmul mil-lukandi, ir-ristoranti, l-isptarijiet, id-djar, l-iskejjel li jraqqdu lill-istudenti, il-ħabsijiet u l-istabbilimenti kollha simili li jħejju l-ikel għall-konsum dirett.

2. L-arranġamenti għall-bejgħ provdut f'dan ir-Regolament għandhom ikomplu japplikaw sakemm jippermettu l-ħażniet pubbliċi u fil-każi kollha għal perijodu ta' żmien ta' mhux iktar minn sena mid-data li fiha jingħata avviż ta' tmiem li jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, deċiż bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.

L-Artikolu 2

1. Il-butir kopert b'L-Artikolu 1 għandu jiġi mibjugħ fil-maħżen u jittieħed mill-ħażna bi prezz ugwali għall-prezz tax-xiri tal-ħażna mill-aġenzija ta' intervent fil-jum li fih ikun ġie konkluż il-kuntratt tal-bejgħ, imnaqqas b'224 Ecu għal kull 100 kilogramma.

2. L-applikazzjonijiet għax-xiri jista' jkollhom x'jaqsmu biss ma' butir ta' l-istess kontenut ta' xaħam, jew ta' 82 % jew iktar jew ta' inqas minn 82 %.

3. Il-butir għandu jinbigħ fi kwantitajiet ta' mhux inqas minn tunnellata (1) metrika. Iżda, fejn il-kwantità disponibbli f'maħżen tal-ħażna hija ta' inqas minn tunnellata (1) metrika, il-kwantità disponibbli għandha tikkostitwixxi l-kwantità minima fil-kuntratt tal-bejgħ.

4. Fil-jum li fih jiġi konkluż il-kuntratt tal-bejgħ, ix-xerrej għandu:

— iforni prova illi ddepożita garanzija li tiggarantixxi d-destinazzjoni proprja tal-butir, kif provdut fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1687/76, fl-ammont ta' 234 Ecu għal kull 100 kilogramma,

— iħallas il-prezz tax-xiri tal-butir.

Il-kuntratt tal-bejgħ għandu jsemmi l-istabbiliment fejn il-butir kollu jiġi proċessat u ppakkjat bi qbil ma' l-Artikoli 4 u 5 u, fejn xieraq, l-istabbiliment fejn il-butir konċentrat kollu jkun sejjer jiġi ppakkjat għall-*marketing* bi qbil ma' l-Artikolu 4(3).

Il-butir għandu jinħareg fi żmien massimu ta' 12-il jum mid-data li fiha jkun ġie konkluż il-kuntratt. Wara li jgħaddi ż-żmien msemmi, l-ispiża għall-ħażna tal-butir għandha tiġi mħallsa mix-xerrej.

L-Artikolu 3

1. Il-butir riferit fl-Artikolu 1 għandu jitħalla fit-tqartis oriġinali tiegħu sakemm jiġi proċessat f'butir konċentrat.

Għandu jkollu miegħu lista tal-pakkeġġi sabiex tgħin biex il-butir jingħaraf.

2. It-tqartis tal-butir meħud mill-ħażna għandhom iġorru waħda jew iktar mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin miktuba b'ittri stampati ċari u leġibbli:

— "Smør bestemt til forarbejdning til koncentreret smør [forordning (EØF) nr. 3143/85]",

— "Butter zur Verarbeitung zu Butterfett [Verordnung (EWG) Nr. 3143/85]",

— "Βούτυρο που προορίζεται να μεταποιηθεί σε συμπυκνωμένο βούτυρο [κανονισμός (ΕΟΚ) αριθ. 3143/85]",

[1] ĠU L 41, tas-16.2.1979, p. 1.
[2] ĠU L 289, tal-31.10.1985, p. 14.
[3] ĠU L 191, ta' l-14.7.1981, p. 6.
[4] ĠU L 52, tat-22.2.1985, p. 22.
[5] ĠU L 138, tas-27.5.1985, p. 2.

— "Butter for processing into butteroil or concentrated butter [Regulation (EEC) No 3143/85]",

— "Beurre destiné à être transformé en beurre concentré [règlement (CEE) n° 3143/85]",

— "Burro destinato ad essere trasformato in burro concentrato [regolamento (CEE) n. 3143/85]",

— "Boter bestemd voor verwerking tot bak- en braadboter [Verordening (EEG) nr. 3143/85]" or "Boter bestemd voor verwerking tot boterconcentraat [Verordening (EEG) nr. 3143/85]".

L-Artikolu 4

1. Trid tiġi konċentrata u mqartsa l-kwantità kollha tal-butir, bi qbil ma' dan l-Artikolu u l-Artikolu 5, fi stabbiliment approvat għal dan il-għan mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-istabbiliment imsemmi jinsab.

Fil-każ tal-butir konċentrat b'kontenut minimu ta' xaħam butiriku ta' 99,8 %, mill-proċessar tal-butir iridu joħorġu mill-inqas 100 kilogramma minn dan il-butir konċentrat għal kull:

— 122,5 kg ta' butir fejn il-butir użat ikollu kontenut xaħmi ta' 82 % jew iktar,

— 125,5 kg ta' butir fejn il-butir użat ikollu kontenut xaħmi ta' inqas minn 82 %.

Fil-każ ta' butir konċentrat b'kontenut minimu ta' xaħam butiriku ta' inqas minn 99,8 %, il-kwantitajiet imsemmija hawn fuq għandhom jiġu mnaqqsa b'1,23 kg u 1,26 kg rispettivament għal kull differenza perċentwali bejn il-kontenut minimu tax-xaħam butirriku tal-butir konċentrat prodott u ċ-ċifra ta' 99,8 % imsemmija iktar' il fuq.

2. Għandha tiġi mogħtija approvazzjoni bħala stabbiliment fit-tifsira tal-paragrafu 1 biss lil stabbiliment li:

(a) ikollu l-istallazzjonijiet tekniċi xierqa sabiex jipproċessa kwantità medja ta' mill-inqas żewġ tunnellati metriċi ta' butir kull xahar;

(b) ikollu fond li fuqu tista' tinħażen separatament kull ħażna ta' xaħam li mhux butiriku u li tiġi hekk identifikata;

(ċ) jimpenja ruħu li jżomm reġistri permanenti ta' l-oriġini tal-materja prima wżata, il-kwantitajiet użati, il-kwantitajiet u l-kompożizzjoni tal-prodotti miksuba, id-data tal-ħruġ ta' dawn il-prodotti u l-ismijiet u l-indirizzi tax-xerrejja; u

(d) jimpenja ruħu li jibgħat il-programm tiegħu tal-fabbrikazzjoni bi qbil ma' l-arranġamenti deċiżi dwarhom mill-Istat Membru interessat lill-korp responsabbli għall-ispezzjon riferit fl-Artikolu 6.

Jekk l-istabbiliment jipproċessa wkoll butir mibjugħ skond ir-Regolament (KEE) Nru 262/79 jew li jkun ikkwalifika għall-għajnuna provvduta bir-Regolament (KEE) Nru 1932/81, irid ukoll jimpenja ruħu li:

— iżomm ir-reġistri riferiti fiċ-(ċ) ta' hawn fuq bħala entità separata,

— jipproċessa suċċessivament il-butir mibjugħ skond ir-Regolament (KEE) Nru 262/79 jew li jkun irċieva għajnuna skond ir-Regolament (KEE) Nru 1932/81 u l-kwantità totali ta' butir mixtrija skond dan ir-Regolament u maħżuna fuq il-fond ta' l-istabbiliment. Madankollu, fuq it-talba tal-parti interessata, l-Istat Membru jista' jaqbel li jwarrab dan l-obbligu jekk l-istabbiliment ikollu fond li jiżgura illi l-ħażniet ta' butir involuti jistgħu jinħażnu separatament u jiġu hekk identifikati.

L-approvazzjoni għandha tiġi rtirata fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet; l-approvazzjoni tista' wkoll tiġi rtirata fejn l-impriża interessata tinstab li ma tkunx ikkonformat ma' xi wieħed mill-obbligi li joħorġu minn dan ir-Regolament.

3. Il-kwantità kollha tal-butir konċentrat li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 5(1) u (2) tista' tiġi ppakkjata għall-*marketing*, bi qbil ma' l-Artikolu 5(4) u (5) fi stabbiliment ieħor approvat għal dan il-għan mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun lokat dak l-istabbiliment.

4. L-ipproċessar u l-ippakkjar, inkluż it-tqartis riferit fil-paragrafu 3, iridu jsiru f'perijodu massimu taż-żmien ta' 60 jum mill-ġurnata li fiha jkun ġie konkluż il-kuntratt tal-bejgħ riferit fl-Artikolu 2(4).

L-Artikolu 5

1. Il-butir konċentrat irid:

— ikun fih mill-inqas 96 % ta' xaħam tal-butir;

— ikun ġie soġġett għall-inkorporazzjoni provvduta fil-paragrafu 2, minbarra kull trattament ieħor differenti minn dak indikat fil-paragrafu 3.

Barra minn hekk il-butir konċentrat jista' jiġi soġġettat għal inkorporazzjoni ta' mhux iktar minn 2 % tal-komponenti tal-materjal niexef mingħajr ix-xaħam u ta' 0,5 % ta' leċitina (E 322).

2. Matul l-ipproċessar tal-butir f'konċentrat tal-butir għandhom jiġu inkorporati għal kull 100 kilogramma ta' butir konċentrat, hekk li tiġi żgurata d-distribuzzjoni omogenja tagħhom skond il-formula magħżula minn qabel:

Formula I:

15-il gramma ta' *stigmasterol* ($PS_{29}I_{48}O$ = *D 5,22—stigmastene-3-beta-ol*) mill-inqas 95 % pur, kalkolati fuq il-prodott lest biex jiġi inkorporat, jew

17-il gramma ta' *stigmasterol* ($C_{29}H_{48}O$ = *D 5,22-stigmastene-3-beta-ol*) mill-inqas 85 % pur, kalkolat fuq il-prodott lest li jiġi inkorporat, li jkunu jinsabu f'mhux iktar minn 7,5 % ta' *brassikasterol* ($C_{28}H_{46}O$ = *D 5,22-ergostene-3-beta-ol*) u mhux iktar minn 4 % ta' *sitosterol* ($C_{29}H_{50}O$ = *D 5-stigmastene-3-beta-ol*),

jew 1,1 kg ta' trigliċeridi ta' l-aċidu enantiku (*n-eptanojku*), mill-inqas 95 % pur, kalkolat bħala trigliċeridi fuq l-prodott lest biex jiġi inkoporat, massimu ta' valur aċidu ta' 0,3 %, ċifra ta' saponifikazzjoni ta' bejn it-385 u t-395, u ta' 95 % ta' kontenut ta' aċidu enantiku fil-parti esterifikata aċiduża;

Formula II:

10 grammi ta' *etil—ester* ta' aċidu butiriku u 15-il gramma ta' *stigmasterol* ($C_{29}H_{48}O$ = *D 5,22-stigmastene-3-beta-ol*) mill-inqas 95 % pur kalkolat fuq il-prodott lest biex jiġi inkorporat, jew

10 grammi ta' *etil-ester* ta' l-aċidu butiriku u 17-il gramma ta' *stigmasterol* ($C_{29}H_{48}O$ = *D 5,22-stigmastene-3-beta-ol*) mill-inqas 85 % pur, kalkolat fuq il-prodott lest biex jiġi inkorporat, li jkunu jinsabu f'mhux iktar minn 7,5 % *brassikasterol* ($C_{28}H_{46}O$ = *D 5,22-ergostene-3-beta-ol*) u mhux iktar minn 4 % *sitosterol* ($C_{29}H_{50}O$ = *D 5-stigmastene-3-beta-ol*), jew

10 grammi ta' *etil-ester* ta' l-aċidu butiriku u 1,1 kg ta' trigliceridi ta' aċidu enantiku (*n-ettanojku*), mill-inqas 95 % pur, kalkolat bħala trigliċeridi fuq il-podott lest biex jiġi inkorporat, ċifra ta' saponifikazzjonita' bejn it-385 u t-395, u minimu ta' 95 % fil-kontenut ta' aċidu enantiku fil-parti esterifikata aċiduża;

L-aġenzija kompetenti għandha iżgura illi l-ħtiġijiet imsemmja hawn fuq dwar il-kwalità u l-karatteristiċi, partikolarment il-grad ta' purità, tal-prodotti li jridu jiġu inkorporati fil-butir konċentrat ikunu ġew imħarsa.

3. Jista' jiżdied il-gass nitroġenu mal-butir konċentrat li jilħaq il-ħtiġijiet tal-paragrafi 1 u 2 immedjatament qabel l-ippakkjar sabiex jikkawża r-ragħwa; iż-żieda fil-volum li tirriżulta minn dan it-trattament ma tistax taqbeż il-10 % tal-volum tal-butir konċentrat qabel it-trattament.

4. Il-butir konċentrat soġġettat sabiex jittimbrawlu l-marka bi qbil mal-formula 1 għandu jiġi preżentat f'pakketti siġillati. Jiddependi mill-prodotti inkorporati bi qbil mal-paragrafi 1 u 2 u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw id-deskrizzjoni tal-prodotti ta' l-ikel, il-pakketti għandhom iġorru, f'kitba stampata identika, ċara u leġibbli, waħda jew iktar mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

— "Bage- og stegesmør",

— "Butterfett" or "Butterkonzentrat",

— "Συμπυκνωμένο βούτυρο" ή "Συμπυκνωμένο βούτυρο για τη μαγειρική" ή "Συμπυκνωμένο βούτυρο για τη μαγειρική και τη ζαχαροπλαστική",

— "Butteroil" or "concentrated butter for cooking and baking",

— "Beurre concentré" or "beurre concentré pour la cuisine" or "beurre concentré pour la cuisine et la pâtisserie",

— "Burro concentrato" or "burro concentrato da cucina" or "burro concentrato da cucina e pasticceria",

— "Bak- en braadboter" or "boterconcentraat".

Il-butir konċentrat soġġettat għall-għotja tal-marka bi qbil mal-formula II għandu jiġi preżentat f'pakketti siġillati ermetikament li jġorru, f'kitba stampata identika ċara u leġibli, waħda jew iktar mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

— "Ghee",

— "Aus Butter gewonnenes Ghee",

— "Βούτυρο ghee",

— "Butter ghee",

— "Ghee obtenu de beurre",

— "Ghee ottenuto da burro",

— "Ghee".

5. Il-pakketti riferiti fil-paragrafu 4 għandu jkollhom kontenut nett għall-massimu ta' żewġ kilogrammi.

L-Artikolu 6

1. Matul l-ipproċessar tal-butir f'butir konċentrat, l-aġenzija kompetenti għandha twettaq spezzjonijiet fuq il-post frekwenti u mingħajr tagħrif minn qabel bażati fuq il-programm tal-fabbrikazzjoni ta' l-istabbiliment. L-ispejjeż ta' l-ispezzjoni għandhom jitħallsu mill-impriża interessata.

L-ispezzjonijiet imsemmija għandhom ikunu jirrigwardaw il-kundizzjonijiet tal-fabbrikazzjoni u l-kwantità u l-kompożizzjoni tal-prodotti miksuba, b'riferenza partikolari għall-butir użat u l-ippakkjar. Għandhom jikkonsistu f'kampjuni minn kull kunsinja ta' butir konċentrat fabbrikat.

L-ispezzjonijiet għandhom iġorru magħhom perjodikament, jiddependi fuq il-kwantitajiet proċessati, spezzjonar rett tar-reġistri u l-verifika tal-konformità mal-kundizzjonijiet preskritti għall-approvazzjoni ta' l-istabbiliment.

2. Il-kelma "kunsinna" għandha tfisser kwantità ta' butir konċentrat li tikkorrispondi mall-kuntratt kif riferit fl-Artikolu 2, ta' kwalità omoġenja u prodott kontinwament fl-istess fond tal-ipproċessar.

L-Artikolu 7

1. Saż-żmien meta jingħadda lis-settur tal-bejgħ bl-imnut, kull persuna li żżomm il-butir konċentrat għandha żżomm reġistri tal-ħażna li juru għal kull kunsinja l-ismijiet u l-indirizzi tax-xerejja tal-butir konċentrat u tal-kwantitajiet mixtrija f'kull każ.

Meta d-detentur tal-butir konċentrat skond dan ir-Regolament ikollu wkoll butir konċentrat fabbrikat mill-butir mixtri skond ir-Regolament (KEE) Nru 262/79 jew minn butir li għalih tkun ġiet konċessa għajnuna skond ir-Regolament (KEE) Nru 1932/81, għandhom jinżammu reġistri tal-ħażna separati għall-prodotti bis-saħħa ta' kull wieħed mir-Regolamenti msemmija.

2. Meta l-butir konċentrat jiġi sussegwentement mibjugħ mill-ġdid lil negozjant intermedjarju, dan ta' l-aħħar għandu, meta jagħmel l-ewwel ordni tiegħu, jipprovdi lill-bejjiegħ b'impenn bil-miktub illi jikkonforma ma' l-obbligi rigward id-destinazzjoni tal-prodott. L-impenn imsemmi, li għandu japplika awtomatikamet għall-bejgħ kollu li jiġi wara, għandu jiddikjara illi x-xerrej huwa konxju mill-penalitajiet imposti mill-Istat Membru involut dwar il-ksur ta' l-obbligi msemmija hawn fuq.

3. Fit-tifsira ta' dan ir-Regolament, il-butir jiġi wkoll meħud minn negozju tal-bejgħ bl-imnut meta x-xirjiet isiru mill-istabbilimenti li l-aċċess għalih ikun riservat għad-detenturi ta' biljett tax-xerrej (*cash and carry*)

4. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 1687/76, l-ispezzjonijiet provvduti fl-Artikolu 6 għandhom jiġu supplimentati bi spezzjonar rett, mhux imgħarraf minn qabel tad-dokumenti kummerċjali u tar-reġistri tal-ħażna tad-detenturi kollha tal-butir konċentrat riferiti fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-ammont tat-tnaqqis fil-prezz jiġi rifless għall-kollox fil-livell tal-konsum dirett.

L-Artikolu 9

1. F'każijiet ta' forza maġġuri fejn il-miżuri speċifikati fl-Artikolu 11(1)(a) u (b) tar-Regolament (KEE) Nru 1687/76 ma jkunux xierqa, l-aġenzija ta' intervent għandha tiddeċidi x'miżuri għandha tieħu fiċ-ċirkostanzi li jinqalgħu.

2. Fil-każ ta' nuqqas tat-twettiq tal-obbligi li għandhom x'jaqsmu, minn banda waħda, mall-ipproċessar tal-butir f'butir konċentrat sakemm jiġi ppakkjat finalment u, mill-banda l-oħra, bit-teħid tiegħu minn-negozju tal-bejgħ bl-imnut fil-Komunità, l-garanzija riferita fl-Artikolu 2(4) għandha tintilef kollha kemm hi.

Madankollu, jekk il-kontravenzjoni jkollha x'taqsam biss mal-konċentrazzjoni tal-prodotti riferiti fl-Artikolu 5(2) u li tkun inqas minn 20 % taħt il-konċentrazzjoni preskritta, għandhom jintilfu biss 25 % ta' l-ammont tal-ganranzija.

3. Fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-perjodu taż-żmien tal-ipproċessar riferit fl-Artikolu 4(4), 5 % ta' l-ammont li jifdal mill-garanzija wara li jkunu ġew imnaqqsa l-15 % għandhom jintilfu għal kull jum li fih jinqabeż il-perjodu taż-żmien.

4. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni kull tliet xhur bil-każijiet fejn ikunu applikaw il-paragrafu 1 filwaqt li jispeċifikaw iċ-ċirkustanzi li jkunu nqalgħu u l-miżuri mittieħda.

5. Għajr fil-każi ta' forza maġġuri, il-garanzija għandha tintilef għall-kwantitajiet li dwarhom il-prova meħtieġa mir-Regolament (KEE) Nru 1687/76 ma tkunx ġiet fornita wara 12-il xahar mill-jum li fih ikun ġie konkluż il-kuntratt.

Iżda, jekk il-prova tiġi fornita fi żmien 18-il xahar tat-temm taż-żmien imsemmi, għandhom jingħataw lura 85 % tal-garanzija.

L-Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull nhar ta' Tlieta ta' kull ġimgħa l-partikolaritajiet tal-kwantitajiet ta' butir mibjugħ f'kull każ b'ċifri separati għall-kwantitajiet li jridu jiġu proċessati fi Stat Membru ieħor.

L-Artikolu 11

L-ammonti tal-kumpens monetarju applikabbli għall-butir jew il-butir konċentrat għandhom ikunu ugwali għall-ammonti ta' kumpens monetarju fissati skond ir-Regolament (KEE) Nru 974/71, imwieżna bil-koeffiċjent mogħti fil-Parti 5 ta' l-Anness 1 mar-Regolament rilevanti tal-Kummissjoni li jiffissa l-ammonti tal-kumpens monetarju.

L-Artikolu 12

Il-punt 33 li ġej u n-nota fil-qiegħ tal-paġna li għandha x'taqsam magħha huma hawnhekk miżjuda mal-Parti II ta' l-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 1687/76 "Prodotti maħsuba għal użu u/jew destinazzjoni oħra għajr dawk riferiti fil-Parti I":

"33. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3143/85 tal-11 ta' Novembru 1985 dwar il-bejgħ bi prezzijiet imnaqqsa tal-butir ta' intervent maħsub għall-konsum dirett fil-għamla ta' butir konċentrat ([33]):

(a) Mad-dispaċċ tal-butir fl-istat naturali tiegħu maħsub li jiġi konċentrat:

— it-Taqsima 104:

'bestemt til forarbejdning til koncentreret smør og senere umiddelbart forbrug [forordning (EØF) nr. 3143/85]',

'zur Verarbeitung zu Butterfett und zum anschließenden unmittelbaren Verbrauch [Verordnung (EWG) Nr. 3143/85]',

'προοριζόμενο να μεταποιηθεί σε συμπυκνωμένο βούτυρο και εν συνεχεία για άμεση κατανάλωση [κανονισμός (ΕΟΚ) αριθ. 3143/85]',

'for processing into butteroil or concentrated butter and subsequent private consumption [Regulation (EEC) No 3143/85]',

'destiné à être transformé en beurre et à la consommation directe ultérieure [règlement (CEE) n° 3143/85]',

'destinato ad essere trasformato in burro concentrato ed all'ulteriore consumo diretto [regolamento (CEE) n. 3143/85]',

'bestemd voor verwerking tot boterconcentraat en voor later onmiddellijk verbruik [Verordening (EEG) nr. 3143/85]'.

— it-Taqsima 106:

id-data li fiha l-butir kien mixtri.

(b) Mad-dispaċċ tal-butir wara l-konċentrazzjoni:

— it-Taqsima 104:

'til emballering for umiddelbart forbrug [forordning (EØF) nr. 3143/85]',

'zur Verpackung für den unmittelbaren Verbrauch [Verordnung (EWG) Nr. 3143/85]',

'προοριζόμενο να συσκευασθεί για άμεση κατανάλωση [κανονισμός (ΕΟΚ) αριθ. 3143/85]',

'for packaging for private consumption [Regulation (EEC) No 3143/85]',

'destiné à être emballé pour la consommation directe [Règlement (CEE) nº 3143/85',

'destinato a essere imballato per il consumo diretto [Regolamento (CEE) n. 3143/85]',

'bestemd om verpakt te worden voor onmiddellijk verbruik [Verordening (EEG) nr. 3143/85]'.

— it-Taqsima 106:

il-kwantità tal-butir użat għall-fabbrikazzjoni tal-kwantità ta' butir konċentrat indikat fit-Taqsima 103.

(ċ) Mad-dispaċċ tal-butir wara l-konċentrazzjoni u l-ippakkjar:

— it-Taqsima 104:

'til umiddelbart forbrug [forordning (EØF) nr. 3143/85]',

'für den unmittelbaren Verbrauch [Verordnung (EWG) Nr. 3143/85]',

'προοριζόμενο για άμεση κατανάλωση [κανονισμός (ΕΟΚ) αριθ. 3143/85]',

'for private consumption [Regulation (EEC) No 3143/85]',

'destiné à la consommation directe [Règlement (CEE) nº 3143/85]',

'destinato al consumo diretto [Regolamento (CEE) n. 3143/85]',

'voor onmiddellijk verbruik [Verordening (EEG) nr. 3143/85]'.

— it-Taqsima 106:

il-kwantità tal-butir użat għall-fabbrikazzjoni tal-kwantità tal-butir konċentrat indikat fit-Taqsima 103.

(33) ĠU L 298, tat-12.11.1985, p. 9"

L-Artikolu 13

Għall-għanijiet ta' finanzjament dan ir-Regolament għandu, rigward in-nefqa addizjonali li ġiet miż-żieda fil-kwantitajiet ta' kull sena tal-butir mibjugħa fejn għandu x'jaqsam ma' dawk mibjugħa sa issa skond ir-Regolament (KEE) Nru 649/78, jikkostitwixxu miżura kif riferita fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolment (KEE) Nru 1079/77.

L-Artikolu 14

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 649/78 huwa hawnhekk imħassar.

2. Għandu jibqa' japplika għall-awtorizzazzjonijiet u għall-kuntratti magħmula qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, għall-kwantitajit ta' butir li ma jkunux ġew proċessatl f'butir konċentrat sad-data msemmija, l-kuntratti msemmija għandhom, fuq it-talba tal-parti interessata, jiġu emendati b'tali manjiera illi l-prezz tal-bejgħ tal-butir ikun l-istess bħal dak provdut għalih f'dan ir-Regolament bil-kundizzjoni li l-perjodu taż-żmien tal-ipproċessar ma jkunx għandu ntemm fid-data tat-talba.

L-Artikolu 15

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Novembru 1985.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Novembru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President